Il-Kunsill għall-Għalliema

# Il-Kodiċi ta' Etika u Prattika għall-Għalliema

2012

Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

Il-Kunsill għall-Għalliema

# Il-Kodiċi ta' Etika u Prattika għall-Għalliema

2012

Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

Ministeru tal-Edukazzjoni
u x-Xogħol

201, Strada Stretta, il-Belt Valletta VLT 2000
Tel: 2568 9000

Copyright © Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012

Drittijiet kollha miżmuma. Ħlief għall-kwotazzjoni ta' paragrafi qosra għal skopijiet ta' riċerka, l-ebda parti ta' din il-pubblikazzjoni ma tista tiġi riprodotta, miżmuma ġewwa sistema ta' irkupru, jew trażmessa b'xi mezzi oħra; elettroniċi, mekkaniċi, *photocopying*, irrekordjar jew simili, mingħajr il-permess tal-pubblikatur.

# Werrej

Ringrazzjamenti ............ 5

Messaġġ mill-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol ............ 6

Messaġġ mis-Segretarju Permanenti ............ 8

Messaġġ mill-President tal-Kunsill għall-Għalliema ............ 9

Messaġġ mill-Malta Union of Teachers ............ 11

Introduzzjoni ............ 13

Il-Kodiċi ta' Etika u Prattika għall-Għalliema - Għan, Skop u Status 14

Prinċipju Ewlieni Numru Wieħed ............ 18

Prinċipju Ewlieni Numru Tnejn ............ 19

Prinċipju Ewlieni Numru Tlieta ............ 20

Prinċipju Ewlieni Numru Erba’ ............ 21

Prinċipju Ewlieni Numru Ħamsa ............ 23

Prinċipju Ewlieni Numru Sitta ............ 24

Glossarju ta’ Frażijiet ............ 27



# Ringrazzjamenti

Il-Kodiċi ta’ Etika u Prattika tal-Għalliema qed jiġi ppublikat wara preparazzjoni u konsultazzjoni ma’ individwi u entitajiet differenti.

Ringrazzjament imur lill-membri tal-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema f’Malta li ppreparaw l-ewwel abboz u lill-ħaddiema tal-Kunsill għall-appoġġ li taw f’dan il-proċess.

Ringrazzjament imur ukoll għal dawk li ħadu sehem fil-proċess ta’ konsultazzjoni fosthom akkademiċi mill-Fakulta tal-Edukazzjoni tal-Universita’ ta’ Malta, il-Malta Union of Teachers, Kunsilli Skolastiċi u edukaturi li lkoll għamlu kontribuzzjoni valida li ġiet ikkunsidrata meta ġie żviluppat dan id-dokument.



# Messaġġ mill-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

**Dolores Cristina**

L-għalliema għandhom rwol fundamentali bħala l-persuni li qegħdin fuq quddiem f'kull sistema edukattiva. Ir-rwol tagħhom mhux sempliċiment li jaqsmu t-tagħrif jew jgħaddu l-informazzjoni lill-istudenti. Ir-rwol tagħhom imur 'l hinn minn hekk, huma jridu joħolqu ambjent ta' tagħlim stimulanti biex jiżguraw li l-istudenti kollha jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Huma l-mudell għall-istudenti tagħhom li, konxjament jew subkonxjament, jimitaw l-imġieba tagħhom. Huma jnisslu l-valuri u l-morali li jinfluenza l-ħajja tal-istudenti tagħhom. Hija r-responsabilita' taghhom li jifhmu l-bżonnijiet tal-istudenti anke barra mill-iskola u hija r-responsabilita' tagħhom li jieħdu ħsiebhom u jgħożżuhom.

L-għalliema tagħna jibqgħu l-ewwel u l-akbar investment għal edukazzjoni tajba u ta' kwalità. Jien napprezza ħafna l-mod professjonali kif l-għalliema qed jimplimentaw ir-riformi radikali fl-edukazzjoni li għaddej minnhom il-pajjiż. Qegħdin jadattaw għal normi differenti u qed jilqgħu sfidi ġodda b'entużjażmu li jagħtihom kreditu. Biex jirrispondu għal realtajiet soċjali ġodda u stili ta' ħajja differenti mhix faċli. It-teknologija hija sabiħa imma ġġib magħha sfidi ġodda u differenti li lkoll qed nitgħallmu minnhom.

Ir-relazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti hija ferm importanti u sensittiva. Din trid tkun mibnija fuq pedament sod, li tibda minn rispett reċiproku kif ukoll fuq l-ogħla standards ta' etika. L-istess jingħad għar-relazzjoni bejn l-għalliema u l-membri l-oħra tal-komunita' tal-iskola li tinkludi fost oħrajn l-amministrazzjoni, professjonisti oħra u l-ġenituri.

Hija l-passjoni biex jgħallmu u x-xewqa li jagħtu servizz fl-aħjar interess tal-istudenti li jwassal lill-għalliema biex ikomplu jistudjaw u jiżviluppaw fil-professjoni tagħhom. L-iżvilupp professjonali huwa ċ-ċavetta għal żvilupp fil-karriera u servizz ta' edukazzjoni ta' kwalità.

Huwa bi pjaċir li qed nippreżenta reviżjoni tal-Kodiċi ta' Etika u Prattika għall-Għalliema li jirrifletti realtajiet ġodda u differenti fil-pofessjoni tagħhom. Il-maġġoranza tal-għalliema diġa' jsegwu dawn il-prinċipji li qegħdin f'dan il-kodiċi u dan l-eżerċizzju qed jifformalizza dak li diġa' qed iseħħ fil-prattika.

Permezz ta' dan il-messaġġ qasir nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk kollha li qed jagħtu kontribuzzjoni siewja fil-qasam tal-edukazzjoni. Il-passjoni u d-dedikazzjoni tagħhom hija imprezzabbli. Ir-ringrazzjament tiegħi jmur ukoll għal Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema u l-MUT għal kontribuzzjoni tagħhom għal dan il-Kodiċi ta' Etika u Prattika.



# Messaġġ mis-Segretarju Permanenti

**James Calleja**

Il-professjonisti kollha għandhom ikunu kburin li għandhom Kodiċi ta' Etika u Prattika Professjonali li hu għodda importanti li jidentifika l-professjoni tagħhom.

Dan il-Kodiċi ta' Etika tfassal minn edukaturi għal edukaturi u jinkludi l-impenji li l-professjonist għandu jkollu lejn l-istudenti, il-ġenituri tagħhom jew dawk li jieħdu ħsiebhom u lejn membri oħra tal-istess professjoni.

Il-prinċipji ewlenin li fih il-Kodiċi jiddefinixxu l-interazzjoni bejn kull edukatur individwali u l-istudenti, l-ġenituri tagħhom, l-awtoritajiet u l-membri ta' gruppi multi-dixxiplinari oħra. L-edukazzjoni ta' ulied in-nazzjon hi fdata f'idejna u dan ipoġġi lilna lkoll, hu x'inhu r-rwol tagħna, f'pożizzjoni speċjali ta' responsabbiltà, li titlob minnha livelli għolja ta' mġieba.

Il-kwalità tas-servizz li nipprovdu aħna bħala edukaturi professjonali, għandha influwenza diretta fuq il-pajjiż u ċ-ċittadini tiegħu, li għada pitgħada jkunu l-mexxejja tal-pajjiż. Għalhekk, is-servizz li nipprovdu irid ikun tal-ogħla livell possibbli filwaqt li l-imġieba tagħna trid tkun tali li tikseb l-akbar stima għall-professjoni tagħna.

Ilkoll kemm aħna konxji li l-ewwel responsabbiltà tagħna hi lejn l-istudent u l-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tiegħu jew tagħha. F'dan ir-rigward irridu nfittxu l-verita', niddedikaw l-isforzi kollha tagħna biex nagħtu servizz ta' eċċellenza fil-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi. Hu dover tagħna li nżommu livell għoli ta' kompetenza u biex nagħmlu dan irridu nkomplu niżviluppaw professjonalment fil-karriera u l-professjoni tagħna.

# Messaġġ mill-President tal-Kunsill għall-Għalliema



**Adrian Camilleri**

Il-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema hu responsabbli biex jirregola l-imġieba tal-għalliema kollha f'Malta u permezz ta' dan il-Kodiċi ta' Etika u Prattika, l-ideali tal-professjoni tal-għalliema huma mistqarra b'mod ċar. Il-valuri li għandhom jiggwidaw lill-għalliema kollha huma enfasizzati f'dan il-Kodiċi.

Il-Kodiċi jindirizza r-relazzjoni li l-għalliema għandhom mal-istakeholders kollha, mhux l-anqas mal-istudenti fdati fil-kura tagħhom. Oħrajn huma il-kollegi, l-ġenituri, l-awtoritajiet edukattivi u l-komunita' in ġenerali.

L-implimentazzjoni ta' dan il-Kodiċi hi ta' importanza kbira biex nassiguraw li l-professjoni tkompli tgawdi r-rispett li rebħet tul ħafna snin. Il-predeċessuri tagħna ħadmu ħafna biex kisbu dan ir-rispett u hu d-dover tagħna li nżommuh fl-ogħla livell possibbli.

Dejjem kien hemm u jibqa' jkun hemm sfidi li l-għalliema jridu jiffaċċjaw kuljum. Iżda jien kunfidenti li bil-kooperazzjoni ta' kulħadd dawn l-isfidi nistgħu niffaċċjawhom b'determinazzjoni u nirbħuhom fl-aħjar interess tal-professjoni tal-għalliema.

Fil-kumpilazzjoni ta' dan il-Kodiċi ta' Etika taw is-sehem tagħhom diversi professjonisti u għalhekk hu xieraq li nirringrazzja lil dawn in-nies. Fost dawk li taw il-kontribut tagħhom kien hemm akkademiċi mill-Universita' ta' Malta – partikolarment mill-Fakulta' tal-Edukazzjoni, il-Malta Union of Teachers, diversi Kunsilli tal-Iskejjel, Kulleġġi u individwi li baqgħu jħobbu l-professjoni anke wara li spiċċaw minn għalliema. Il-kontribuzzjonijiet tagħhom kienu validi ħafna u swew ħafna fit-tfassil ta' dan il-Kodiċi.

Fuq nota personali, billi għadni ġdid fil-kariga ta' President tal-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema, nixtieq nirringrazzja lill-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, Dolores Cristina li tatni l-opportunità li nservi fuq dan il-Kunsill.  Nirringrazzja wkoll lill-predeċessur tiegħi, Dr. Edward Debono li mexxa l-Kunsill ta' qabli u lill-membri tal-Kunsill li ħadmu flimkien mit-twaqqif tiegħu fl-2008.

# Messaġġ mill-Malta Union of Teachers



Kevin Bonello

Il-Malta Union of Teachers ilha tikkontribwixxi attivament għall-qasam edukattiv lokali sa mit-twaqqif tagħha fl-1919. Ir-rwol doppju tal-MUT bħala trejd unjoni u bħala assoċjazzjoni professjonali jidher ċar mill-politika proattiva tagħha li tħares lejn il-futur. L-unjoni kienet strumentali biex kienet iffurmata l-professjoni tal-għalliema li għandna llum u kienet ukoll katalist għal riformi importanti li fasslu s-sistema edukattiva tagħna.

Biżżejjed jingħad li l-MUT antiċipat il-ħtieġa u mexxiet b'suċċess il-kawża biex l-għalliem jingħata rikonoxximent professjonali b'mod legali. Kienet strumentali biex twaqqaf il-Kunsill tal-Għalliema, għenet fl-edukazzjoni inklussiva u biex il-ġenituri jibqalhom id-dritt tal-għażla f'liema skola jibgħatu 'l uliedhom.  Għalhekk kien naturali għall-MUT li tippartеċipa fl-eżerċizzju li wassal biex jerġa' jkun formulat il-Kodiċi ta' Etika għall-Għalliema.  L-MUT hi fiduċjuża li l-maġġoranza kbira tal-għalliema diġa' jimxu fuq il-prinċipji u l-valuri li hemm fih u għalhekk dan il-Kodiċi ta' Etika se jservi biex ifakkar lill-għalliema u bħala gwida aġġornata tal-prattika professjonali. L-aħħar iżda mhux l-inqas, l-MUT tixtieq tirringrazzja lill-għalliema kollha għall-ħidma fejjieda tagħhom fl-edukazzjoni u fil-formazzjoni tal-istudenti fdati f'idejhom.





# Introduzzjoni

Il-Kunsill għall-Professjoni tal-Għalliema f'Malta huwa r-regolatur tal-professjoni tal-għalliema kif stabbilit mill-Att dwar l-Edukazzjoni (Cap.327). L-għan huwa li jgħolli l-istatus tal-għalliema billi jżomm u jippromwovi l-ogħla livelli ta' kondotta u prattika professjonali fl-interess tal-għalliema, studenti, ġenituri u l-komunita'. Il-Kunsill jara kif l-edukazzjoni u l-istandards tal-għalliema qed jiġu miżmuma u msaħħa.  Il-Kunsill iqis ukoll jekk persuna tkunx kapaċi tipprattika l-professjoni ta' għalliem.

Il-Kunsill għandu poteri legali biex jinvestiga u jisma' każijiet fuq allegazzjonijiet ta' kondotta mhux aċċettabli, inkompetenza professjonali serja u offiżi kriminali li jinvolvu l-għalliema.

# Il-Kodiċi ta' Etika u Prattika għall-Għalliema - Għan, Skop u Status

Il-Kodiċi jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin ta' mġieba u prattika tajbin għall-għalliema f'Malta u Għawdex. L-iskop tiegħu hu li jkun ta' gwida għal kunsiderazzjonijiet u deċiżjonijiet fil-prattika tal-għalliema u li jgħarraf lill-ġenituri, u lill-komunità b'tali *standards*. Il-Kodiċi jgħarraf ukoll lil membri tal-komunità bi *standards* li hu mistenni li jkollhom l-għalliema. Il-Kodiċi mhuwiex, madankollu, gwida definittiva jew eżawrjenti. Lanqas m'għandu jinqara bħala mudell dettaljat li għandu jiġi segwit bla ebda riflessjoni ta' xejn mill-għalliema. Billi huma professjonisti, l-għalliema għandhom kostantement jadottaw il-prinċipji msemmija b'mod kritiku, kont meħud tal-valur edukattiv tar-relazzjonijiet partikolari ma' persuni f'sitwazzjonijiet u proċessi partikolari ta' min jgħallem u min jitgħallem.

Il-Kodiċi għandu l-iskop li jinkoraġġixxi lill-għalliema jadottaw approċċ infurmat dwar it-tagħlim li jagħtu u dwar kull kuntest tiegħu u, bħala għalliema professjonali, li jirriflettu dwar il-prattiċi tajba u korretti. Għalliem għandu jagħmel mill-aħjar biex ikun mudell ta' mġieba u għandu jaġixxi fi ħdan il-komunità b'mod li jtejjeb il-prestiġju tal-professjoni.





# Is-sitt Prinċipji Ewlenin

# PRINĊIPJU EWLIENI NUMRU WIEĦED
## Li jżommu Fiduċja fil-Professjoni

**Membri tal-Professjoni tat-Tagħlim għandhom:**

Jibbażaw ir-relazzjoni tagħhom ma' kull student fuq fiduċja u rispett reċiproku;

Iqisu s-sigurtà u l-benesseri ta' kull student li jkunu qegħdin taħt ir-responsabbiltà tagħhom;

Jirrispettaw l-karatteristiċi uniċi u diversi tal-komunità edukattiva li jkunu jiffurmaw parti minnha;

Jaħdmu b'mod kollaborattiv mal-kollegi tagħhom u ma' professjonisti oħra;

Jiżviluppaw u jżommu relazzjonijiet tajba mal-ġenituri, tuturi u min jieħu ħsieb it-tfal;

Jimxu b'onestà, integrità u ekwità;

Ikunu sensittivi għal kull ħtieġa ta' kunfidenzjalità meta din tkun xierqa;

Jassumu responsabbiltà biex tinżamm il-kwalità tal-prattika professjonali tagħhom;

Isostnu kunfidenza u fiduċja pubblika fil-professjoni tat-tagħlim; u

Joħolqu esperjenzi ta' tagħlim li jkunu jinvolvu, jimmotivaw u joffru sfida lil kull student f'ambjent inkluživ f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja.

# PRINĊIPJU EWLIENI NUMRU TNEJN
# Li jżommu Relazzjonijiet Professjonali mal-Istudenti

**Membri tal-Professjoni tat-Tagħlim għandhom:**

Iżommu konfini professjonali kemm meta jkunu l-iskola u kemm barra mill-iskola, jevitaw kull kuntatt fiżiku mhux dovut, jevitaw komunikazzjoni mhux adatta permezz ta' kull tip ta' medja u jevitaw kull tip ta' relazzjoni mhux dovuta ma' studenti. Il-membri tal-professjoni tat-tagħlim għandhom l-obbligu u huma fl-aħħar mill-aħħar responsabbli li jżommu distanza professjonali;

Joqgħodu lura milli jieħdu xi vantaġġ mir-relazzjonijiet professjonali tagħhom ma' studenti għal benefiċċju personali tagħhom, inkluż permezz tal-għotja ta' lezzjonijiet privati lil studenti mill-klassijiet li jkunu jgħallmu fihom jew li jkunu taħt ir-responsabbiltà amministrattiva tagħhom, bi ħlas, sew jekk bi flus jew b'xi korrispettiv;

Jagħmlu, b'mod professjonali, interventi ta' pastoral care mal-istudenti, u jġibu ruħhom kif jixraq lill-pożizzjoni unika ta' fiduċja tagħhom u lill-istatus tagħhom bħala mudelli ta' mġieba;

Isegwu policies ta' maniġġar ta' mġieba u ta' skejjel siguri, kif ukoll linji gwida kif diretti mill-iskola, kulleġġ u awtoritajiet edukattivi rilevanti;

Jaġixxu b'mod xieraq ma' kull student, billi joqogħdu attenti għal kif jitkellmu, il-ġesti li jagħmlu u l-attitudni tagħhom, b'mod illi jiżguraw li ma jkunx imbarazzanti jew dispreġġativi, u jiżguraw li ma jużawx lingwaġġ abbużiv jew jagħtu ismijiet offensivi jew jagħmlu rimarki mhux xierqa; u

Iġibu ruħhom b'attitudni u mġieba professjonali f'kull waqt.

# PRINĊIPJU EWLIENI NUMRU TLIETA
# Li jirrispettaw l-Karatteristiċi Uniċi u Diversi tal-Istudenti

**Membri tal-Professjoni tat-Tagħlim għandhom:**

Juru rispett lejn id-diversità, iżommu l-ekwità u jippromwovu l-ugwaljanza rrispettivament mill-ġeneru, razza, reliġjon, orjentament sesswali, dehra, età, lingwa jew ħtiġiet jew ħiliet differenti;

Ikollhom għarfien u ftehim aġġornat ta' proċeduri attwali għall-protezzjoni tat-tfal, filwaqt li jimplimentawhom u jkunu konformi magħhom;

Ikollhom għarfien aġġornat ta' linji gwida li jinħarġu b'mod nazzjonali mill-Kunsill dwar il-Professjoni talGħalliema, mill-iskola jew kulleġġ tagħhom, minn awtoritajiet edukattivi u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, fejn dawn ikunu jirrigwardaw l-imġieba personali u professjonali tagħhom;

Jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjent skolastiku ekwu u inklussiv billi jindirizzaw kull diskriminazzjoni, inċidenzi ta' sterjotipi u bullying; u

Jidentifikaw u, kemm jista' jkun malajr, jirreferu lill-awtoritajiet kompetenti kull ħaġa li jista' jkollha impatt fuq il-benesseri tal-istudenti.

# PRINĊIPJU EWLIENI NUMRU ERBA’

# Li jaħdmu b’Mod Kollaborattiv mal-Kollegi, Ġenituri, Tuturi u Min jieħu ħsieb it-tfal

**Membri tal-Professjoni tat-Tagħlim għandhom:**

Jaħdmu b’mod kolleġġjali u f’koperazzjoni ma’ kollegi u ma’ professjonisti oħra li jkunu jaħdmu f’timijiet multidixxiplinarji uffiċjalment rikonoxxuti mill-awtoritajiet edukattivi;

Permezz tal-ogħla standards ta’ kortesija professjonali, jirrispettaw, isostnu u jikkollaboraw ma’ kollegi kemm f’dak li jkollu x’jaqsam mal-edukazzjoni tal-istudenti, kif ukoll f’dak li għandu x’jaqsam maż-żamma ta’ relazzjonijiet mal-kollegi;

Ikunu lesti li, b’kull mod possibbli, jgħinu lil kollegi ġodda tagħhom u lil dawk il-kollegi li jkunu għadhom qed jirċievu taħriġ jew induction;

Jirrispettaw l-awtorità ta’ kollegi professjonali anzjani filwaqt li jżommu d-dritt li jesprimu l-fehma professjonali tagħhom u li ma jaqblux;

La jwiddbu, jiċċensuraw, iċanfru jew jikkritikaw lil xi kollega jew membru ieħor tal-professjoni tat-tagħlim quddiem studenti jew fil-pubbliku;

Iżommu lura milli jagħmlu dikjarazzjonijiet pubbliċi li jistgħu jagħtu isem ħażin lill-professjoni;

Jiżviluppaw u jżommu relazzjonijiet tajbin bejn id-dar u l-iskola, filwaqt li jirrispettaw ir-rwol tal-ġenitur, tutur jew min jieħu ħsieb it-tfal fl-edukazzjoni tal-istudenti;

Sa fejn ikun possibbli, jinvolvu u jaħdmu b'mod pożittivament mal-ġenituri b'mod miftuħ u ta' rispett;

Jiżguraw li l-komunikazzjoni tagħhom mal-ġenituri, l-istudenti u l-kollegi tkun konformi ma' dawk il-policies u proċeduri maħruġa mill-iskola jew l-kulleġġ tagħhom, u ma' dawk il-policies u proċeduri edukattivi maħtruġa f'livell nazzjonali;

Juru rispett lejn id-diversità meta jkunu qegħdin jittrattaw ma' kollegi, ġenituri, tuturi jew min jieħu ħsieb it-tfal fil-kapaċità tagħhom ta' sħab fil-proċess edukattiv; u

Jagħmlu kull sforz biex jinkuraġġixxu ġenituri, tuturi u min jieħu ħsieb it-tfal jinteressaw ruħhom b'mod attiv fl-edukazzjoni u l-benesseri tat-tfal li jkunu fil-kura tagħhom.

# PRINĊIPJU EWLIENI NUMRU ĦAMSA
## Li jimxu b'Onestà u Integrità

**Membri tal-Professjoni tat-Tagħlim għandhom:**

Ikunu konformi ma' dawk il-policies u proċeduri dwar kif għandhom jintużaw il-proprjetà, il-faċilitajiet, il-finanzi u u l-ICT fl-ambjent edukattiv tagħhom, sew jekk ikunu maħruġa mill-iskola jew il-kulleġġ tagħhom, u sew jekk ikunu policies u proċeduri edukattivi maħtruġa f'livell nazzjonali;

B'integrità u b'konformità ma' regolamenti u proċeduri uffiċjali, jagħmlu ħidmiet relatati mal-assessjar u mal-eżamijiet;

Jirrappreżentaw lilhom infushom, l-esperjenza, il-pożizzjoni professjonali u kwalifiki tagħhom b'onestà;

Jiżvelaw biss informazzjoni kunfidenzjali fil-parametri mogħtija lilhom mill-liġi;

Ikunu konxji tal-pożizzjoni tagħhom bħala mudell ta' mġieba għall-studenti; u

Kemm fil-ħajja personali u professjonali tagħhom, ikunu konxji tal-imġieba u l-attitudni tagħhom, hekk li dawn jistgħu jkollhom impatt fuq il-professjoni li jkunu jirrappreżentaw.

# PRINĊIPJU EWLIENI NUMRU SITTA

## Li jżommu Aġġornati l-Għarfien u l-Prattika Professjonali tagħhom

**Membri tal-Professjoni tat-Tagħlim għandhom:**

Iżommu standards ta' prattika għoljin fir-rigward tat-tagħlim, organizzazzjoni tal-klassi, ippjanar, sorveljanza, assessjar u rappurtar;

Iżommu l-għarfien u l-ħiliet professjonali tagħhom aġġornati tul il-karriera tagħhom ta' għallliema;

Iżommu aġġornat l-għarfien tagħhom dwar linji gwida u żviluppi edukattivi relatati mal-kariga u rwol tagħhom ta' għalliema u fir-rigward tat-tagħlim b'mod ġenerali;

Jirriflettu u jivvalutaw il-mod li bih jeżerċitaw il-ħidma tagħhom bħala parti mill-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom;

Ikunu miftuħin u jirrispondu pożittivament għal kummenti u suġġerimenti kostruttivi dwar il-prattiċi ta' tagħlim tagħhom; u

Jiksbu sostenn, pariri u gwida fejn dawn ikunu meħtieġa.

“Dawk li jafu, jagħmlu.
Dawk li jifhmu, jgħallmu.”

ARISTOTLE



# Glossarju ta' Frażijiet

**Ġenitur**
"Ġenitur" tfisser il-missier jew l-omm u tinkludi lil kull persuna li jkollha l-kura u l-kustodja tal-wild, sew legali sew attwali, ta' kull student.

**Il-Kodiċi**
"Il-Kodiċi" tfisser il-Kodiċi ta' Etika u ta' Prattika tal-Għalliema.

**Il-Kunsill**
"Il-Kunsill" tfisser il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta mwaqqaf bl-artikolu 26 tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327).

**Għalliem**
"Għalliem" tfisser membri tal-professjoni tat-tagħlim f'Malta li jingħataw *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni f'Malta kif provdut dwar dan fit-Taqsima III tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Il-frażi "Għalliem" ma tinkludix *Kindergarten* jew *Learning Support Assistant*, għalliem fi skola li tgħallem lingwa bħala lsien barranija, jew lil xi persuna li tagħti servizz ta' tagħlim f'setturi kulturali, sportivi u reliġjużi, sakemm dak it-tagħlim ma jkunx qiegħed jingħata bħala parti integrali taledukazzjoni obbligatorja skont il-kurrikulum fi skola liċenzjata.

**Medja**
"Medja" tfisser il-medja soċjali (inklużi teknoloġiji li jkunu *web*-u *mobile-based*) bħal *networks* soċjali, *blogging*; medja diġitali inklużi *e-mail*, internet, *text messaging*; medja elettroniċi u medja tal-istampar.

**Mudell ta' Mġieba**
"Mudell ta' Mġieba" tfisser kull persuna li tagħti eżempju u li l-imġieba tagħha tiġi emulata mill-oħrajn.

**Student**
"Student" tfisser kull min ikun qiegħed jitgħallem u studenti f'livelli primarji, sekondarji u edukazzjoni avvanzata fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha.

"L-għalliem medjokri jgħid.
L-għalliem tajjeb jispjega.
L-għalliem superjuri juri.
L-għalliem eċċellenti jispira."

WILLIAM ARTHUR WARD